**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 51 – 23 ta' Awwissu 2018**

***Minuti tat-51 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-23 ta' Awwissu, 2018 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-5:30pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 51. Il-laqgha bdiet fil-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**51.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kemm il-Kunsillier Kevin Glynn, kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Grixti infurmaw li ma setghux jattendu dakinhar.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 50 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier George Cortis. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.3.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li ufficjali tal-Lands marru gewwa l-Gnien tal-Kmand u bhalissa il-Kunsill qed jistenna rapport minghand l-ufficjali prezenti.

51.3.2 Is-Sindku Sarah Agius resqet proposta li jinxtraw tlett CCTV cameras li jkun jistghu jigu mcaqalqa minn post ghall-iehor. Kien hemm qbil unanimu.

51.3.3 Is-Sindku Sarah Agius prezentat id-draft tad-disinn li ser ikun qed jitpitter fuq il-mural li ser jitwehhel mal-librerija. Kien hemm qbil dwar it-tibdiliet li ghandhom isiru.

51.3.4 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li ntrebhu b'Eur2,000 f'fondi ghall-European Mobility Week. Dawn l-attivitajiet ser isiru mill-Hadd 16 ta' Settembru sas-Sibt 21 ta Settembru 2018.

Il-Kunsillier George Cortis hareg mill-laqgha fis-6:30pm.

51.3.5 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li mill-31 t' Ottubru 2018 ser jibda jingabar l-iskart organiku skont l-iskeda kif qed tigi kkomunikata fil-media. Din l-iskeda ser tkun l-istess madwar Malta kollha.

51.3.5 Il-Kunsill qabel unanimament mas-Central Link Project, kif spjegat mis-Sindku Sarah Agius.

51.3.6 Dwar il-Heritage Trail, is-Sindku Sarah Agius infurmat li l-informazzjoni issa hi migbura u ser tkun imqassma f'booklet. Dan il-booklet ser ikun fih ukoll ritratti.

51.3.7 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-applikazzjoni li tidher imwahhla mac-cimiterju tal-Qalb ta' Gesu sabiex jizdiedu l-ammont ta' oqbra fl-istess cimiterju. Il-Kunsill qal li ghalkemm m'ghandu l-ebda interess li dan il-permess ma jsehhx, jinsab imhasseb dwar l-ammont ta' wirdien u l-istat tac-cimiterju li jinsab fih.

51.3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li qed ikun hemm diversi talbiet sabiex jigu rilaxxati garanziji bankarji li jkunu saru meta jkun hemm twaqqiegh u bini tad-djar. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-kunsill qed jhallas bejn Eur70 u Eur 80 ghal kull rapport u saqsiet jekk ghandux jkun ikkunsidrat li din il-mizata tibda tithallas mill-izvilluppatur. Il-Kunsillier Chris Bongailas qal li minhabba li jara li dan l-ammont jeccedi l-aspettattiva tal-izvillippatur, ghandha tigi miftiehma rata ahjar u ghalhekk talab li jigi mitkellem il-Perit sabiex tinghata rata ahjar. Sadanittant il-Kunsill ma hax decizjoni jekk din il-mizata ghandhiex tigi mhallsa mill-izvilluppatur.

**<u>51.4 Jum Haz-Zebbug</u>**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li Jum Haz-Zebbug ser jsir il-Gimgha 26 t' Ottubru 2018. Dan ser isir il-Gimgha u mhux is-Sibt minhabba li ser ikun hemm xi attivitajiet tal- V18. L-intenzjoni tal-Kunsill hi li l-ktieb bil-gabra tal-ittri ta' Dun Karm ikun varat dakinhar u li l-attivita ta' Jum Haz-Zebbug issir taht il-patrocinju tal-Eccellenza Taghha l-President Marie Louise Coleiro Preca.

Gie maqbul li l-Gieh u r-Rikonnoxximent li jinghataw f'Jum Haz-Zebbug jigi diskussi f'laqgha ohra.

**51.5 Attivitajiet 2018**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat li tlaqqa' l-kumitat ghall-attivitajiet tal-2018 li qed jahdem biex jitilghu l-attivitajiet ta' Halloween u l-Milied.

**51.6 Latrina**

Dwar il-latrina, is-Sindku nfurmat li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni ma accettax it-talba tal-Kunsill li tinghata parti mill-bitha li bhalissa huwa store, sabiex dan isir latrina fil-livell tat-triq. B'hekk il-pubbliku ikun moqdi aktar. Ghalhekk il-Kunsill qabel unanimament li lkamra li tospita l-librerija tinqasam u parti minnha tibda sservi ta' latrina. Ghandu jsir kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar dan.

**51.7 Inizjattivi Ambjent**

Il-Kunsill qabel li residenti jkunu nkoragguti jaghmlu pjanti gol-isqaqien sabiex isebbhu l-ambjent. Sadanittant ser issir ukoll tindifa f'certu zoni rurali nhar is-Sibt 15 ta' Settembru 2018.

**51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni.

Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li kienet saret il-manhole fi Vjal il-Helsien mir-Ritemix u li l-WSC kienet kuntenta u ghal daqshekk kienet ser tirilaxxa ir-retention money. Hija nfurmat ukoll lill-Kunsill li fl-accounts tal-Kunsill jidher li ghad iridu jittiehdu Eur5250

mill-flus pendenti. Pero bil-miktub ma hemm l-ebda korrispondenza li tindika dan. Filwaqt li l-kunsilliera prezenti qalu li la ma kien hemm xejn bil-miktub, il-kunsill m'ghandu x dritt inaqqas dan l-ammont. Pero minhabba li l-Vici Sindku ma kien prezenti ghal din il-laqgha, il-Kunsill hass li din id-decizjoni ghandha tittiehed f'laqgha ohra. Ghalhekk gie deciz li Ritemix jinghata l-bilanc kollu pendenti apparti Eur5,250.

Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata apparti l-Eur5250 favur ir-Ritemix. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil unanimu ghall- vot tal-flus ghajr ghall-vot lil Rita Xuereb mill-Kunsillier Roderick Aquilina u l-vot lil Mario Cachia mill-Kunsillier Chris Bongailas.

Intant fuq porposta tal-Kunsillier Roderick Aquilina, il-Kunsill qabel li minhabba li l-prezz tas-servizz tal-manutenzjoni tar-roundabouts huwa wiehed irhis hafna, il-kuntrattur ghandha tinxtralu zebgha sabiex ikunu jista jdur ic-cnut tal-gonna, kif ukoll fjuri.

**<u>51.9 Twegibiet  Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**<u>51.10 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

Il-laqgha giet aggornata ghas-17 ta' Settembru 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-7:45pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |